SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 49/K6/11

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 27/10/'11 278**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 27/10/'11 333**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2011.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Norman Vella
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Assenti: Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-21 t' Ottubru 2011. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2011
4. Rapport tax-Xogħolijiet
5. Green Wardens
6. Aġġornament - Tender - Manutenzjoni fil-Binjiet tal-Gvern
7. Attivitajiet tal-Milied
8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

### Minuti - Kunsill

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 48/K6/11 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 48/K6/11.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

### Minuti - Kumitat Amministrattiv

1.3.05 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 15/KA1/11 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A').

1.3.06 Il-Kunsillier Ronald Agius wasal fl-3.45 p.m.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 4398 | Ittra mingħand it-Transport Malta rigward estensjoni ta' *'Traffic Island/Central Refuge'* ġo Triq Gorg Borg Olivier. |
| 5317 & 5395 | Stima b'konnessjoni ma' l-istatwa San Ġużepp għall-xogħolijiet ta' tiswija. |
| 5546 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 94/2011 – Tabella fid-daħla ta' kull Playground tal-Kunsilli Lokali. |
| 5548 | Email mingħand Jesmond Desira rigward it-tqegħid ta' *Billboards*. |
| 5629 & K1219 | Ittra mingħand il-Kunsillier Raymond Cachia rigward ir-rappreżentazzjoni tiegħu bħala Kandidat Indipendenti. |
| 5636 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ir-rapport tal-Awditur Ġenerali 2009. |
| 5644, 5624 K1222 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 24/2009 – Skema ta' aċċessibilita' aħjar fil-lokalita. |
| 5694 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar rapporti pubbliċi mhux mibgħuta. |
| 5924 | Email mingħand l-Active Enterprises rigward pedestrian barriers. |
| 5976 | Ittra mingħand is-Sur Vincent Vassallo rigward il-librerija pubblika. |
| 6009 | Email mingħand il-Cavallieri Hotel rigward Community Chest Fund 26.11-04.12. |

6080 Ittra mingħand G.M. Productions rigward Miss Malta 2011.

K1314,6005, 6014&6015 Korrispondenza rigward ir-resurfacing ta' Triq Claire E.Engel.

3546,5566, 5930&K1316 Korrispondenza rigward ir-riġenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern.

5569&K1318 Korrispondenza rigward it-tnaqqis mill-allokazzjoni.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 4398

2.02 Saret riferenza għall-ittra mingħand it-Transport Malta rigward estensjoni ta' *'Traffic Island/Central Refuge'* ġo Triq Gorg Borg Olivier. Ġie deċiż unanimament illi s-Sindku jiltaqa' ma' rappreżentant tat-Transport Malta sabiex tiġi spjegata aħjar il-pjanta tax-xogħolijiet li għandhom isiru. Minħabba l-finanzi, ċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li wieħed irid jara x'tinvolvi u x'benefiċċju fiha.

Rif. Nru. 5317

2.03 Saret riferenza għall-istima b'konnessjoni ma' l-istatwa San Ġużepp għall-xogħolijiet ta' tiswija. Ġie deċiż unanimament illi jsiru t-tiswijiet neċessarji tal-vandaliżmu li sar fuq l-istatwa.

Rif. Nru. 5546

2.04 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 94/2011 dwar twaħħil ta' tabella fid-daħla ta' kull playground tal-Kunsilli Lokali. Ġie deċiż unanimament illi fuq it-tabelli minbarra d-dettal mogħti fil-memo jitniżżel li l-użu tar-roti huwa permess biss għat-tfal żgħar li jkunu akkumpanjati mill-ġenituri. Dawn it-tabelli jitwaħħlu meta l-Kunsill jingħata l-i*sticker* tal-MCCAA.

Rif. Nru. 5548

2.05 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Jesmond Desira rigward it-tqegħid ta' *Billboards* elettroniċi fil-lokalita'. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li:-

- ssir laqgħa wara nofs in-nhar mas-Sur Jesmond Desira sabiex jiltaqa' mal-Kunsilliera;
- tiġi applikata il-Bye Law;
- jixxandru l-avviżi / xogħolijiet tal-Kunsill.

Rif. Nru. 5924

2.06 Saret riferenza għall-email mingħand l-Active Enterprises b'talba għal twaħħil ta' *pedestrian barriers* fi Triq il-Kbira faċċata tal-Piccolo Padre. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jitwaħħlu dawn il-*pedestrian barriers* dment li jinħareġ il-permess skont il-Bye-Laws.

Rif. Nru. 5976

2.07 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Vincent Vassallo rigward il-librerija pubblika sabiex tibda tiftaħ ġurnata oħra fil-gimgħa. Ġie deċiż unanimament illi ssir talba lid-Dipartiment tal-Librerija Pubblika biex jinfurmaw lill-Kunsill x'tinvolvi.

Rif. Nru. 6009

2.08 Saret riferenza għall-email mingħand il-Cavallieri Hotel rigward Community Chest Fund 26.11-04.12. Ġie deċiż unanimament li jinħareġ il-permess iżda peress li din l-attivita' ser issir b'risq il-Community Chest m'għandux jinżamm flus għal ħruġ tal-permess. Fir-rigward ta' l-assistenza oħra ser jieħu ħsieb is-Sindku.

Rif. Nru. 6080

2.09 Saret riferenza għall-ittra mingħand G.M. Productions rigward talba finanzjarja għal *recognition award* għal Miss Malta 2011. Ġie deċiż unanimament li l-G.M. Productions jiġu nfurmati li l-Kunsill ma jistax jilqa' it-talba li saret peress li huwa projbit bil-Liġi. Iżda ser jara jekk jistax isib xi *sponsor* ieħor.

**3 Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2011**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapport Finanzjarju mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Marzu 2011 (Ara Appendiċi `B').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport.

3.03 Wara diskussjoni l-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Marzu 2011.

3.04 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4 Rapport tax-Xogħolijiet**

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapport tax-Xogħolijiet (Ara Appendiċi `C`).

4.02 Saret riferenza għar-Rapport ta' Xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena 2011 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2012.

4.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tar-Rapporti tax-Xogħolijiet.

4.04 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.06 Il-Kunsill ġie nfurmat li r-Rapport tax-Xogħolijiet ser jibqa' jiġi aġġornat sa l-aħħar tas-sena u li dan ir-rapport ser jintuża kull fejn ikun hemm il-bżonn.

## 5 Green Wardens

5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret talba lill-Onor. Perit George Pullicino u lill-Onor. Dr. Chris Said sabiex jingħata aktar servizz ta' green wardens (Irreferi għall-korrispondenza nru.K1272/200b-08,204-08&194/11-MM – Appendiċi 'D'). Dan minħabba li l-Kunsill Lokali San Ġiljan jifforma parti mir-Reġjun Ċentrali u fil-preżent is-servizz provdut mhuwiex biżżejjed.

5.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li mill-fondi li ser iddaħħal il-Kunsill mill-LES, nofshom jintużaw biex jiżdied is-servizz tal-green wardens f'San Ġiljan.

5.03 Ser jiġi rrakkomandat li l-Kumitat Amministrattiv Paceville jagħmel l-istess.

5.04 Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart domestiku sabiex jiġu diskussi l-diffikultajiet preżenti.

5.05 Iċ-Ċermen għandu javviċina lill-Green Mt sabiex jara jekk jistax jipprovdi bins tat-'*dog litter'.*

## 6 Aġġornament - Tender - Manutenzjoni fil-Binjiet tal-Gvern

6.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Ricky Caruana appella għad-deċiżjoni tal-Kunsill f'għoti tat-tender u għalhekk qed jiġu osservati r-regolamenti (ara Appendiċi 'E').

6.02 Sakemm jiġi deċiż l-appell il-kontinwazzjoni tal-proċess tat-tender jinsab wieqaf.

## 7 Attivitajiet tal-Milied

7.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser:-

- Isir Coffee Morning għall-anzjani tal-lokal f' Diċembru 2011;
- Isiru żewġ kunċerti, wieħed tal-Banda Spinola u l-ieħor tal-Karmnu u jiġi allokat l-ammont ta' €250 għal kull kunċert;
- Issir l-ikla fi zmien il-festi tal-Milied.

7.02 Id-dati għal dawn attivitajiet jingħataw aktar 'l quddiem.

**8 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

8.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

8.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondaha.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3075 sa 3086 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'G').

9.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3075 sa 3086.

9.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.05 Ġie deċiż unanimament li l-MP&DC jintalab stima biex isir *patching* fl-*area* ta' Ta' Ġiorni bil-*cold asphalt.*

9.06 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

9.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 10 Materji Oħra

10.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

- Is-sejħa għall-offerti tal-*contracts manager* jagħlaq fid-29 ta' Novembru 2011 fl-10.30 a.m.;
- Sar transfer ta' €20,000 mill-Bank of Valletta plc għall-HSBC;
- Is-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff ser jattendu taħriġ organizzat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

10.02 Ġie deċiż unanimament li:

- L-appuntament li kellu jsir ma' l-Arriva b'riferenza għall-Minuti 47/K6/11 taqsima 7 para. 7.02 (3) ma jsirx għalissa peress li r-rotot ta' l-Arriva ser jinbidlu;
- Tintbagħat ittra lill-Arriva u lill-Ministru tat-Trasport, l-Onor. Austin Gatt, sabiex il-Kunsill jingħata permess biex ikun jista' jerga' jintroduċi s-servizz ta' mini van, bla ħlas, għar-residenti.
- Issir talba lit-Transport Malta biex it-tabella tat-Taxi Stand li hemm ħdejn il-McDonalds fi Triq San Ġorġ tinbidel u ssir li l-pubbliku jkun jista' jipparkja matul il-ġurnata u wara s-7.00 p.m. tintuża bħala Taxi Stand.

10.03 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |